C/2025/1609

11.3.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Marzu 2025

li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-Irlanda

(C/2025/1609)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tat-28 ta' Marzu 2023 ([2]), il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' April 2023 sal-31 ta' Marzu 2027.

(2) B'riżultat tar-riżenja tas-Sur Marcus BREATHNACH, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.

(3) Il-Gvern tal-Irlanda ddeżinja kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Diarmaid SMYTH huwa maħtur membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol minflok is-Sur Marcus BREATHNACH għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

T. SIEMONIAK

([1]) ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Marzu 2023 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) (ĠU C 116, 31.3.2023, p. 23).